



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 171/23

il-Lussemburgu, 9 ta' Novembru 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-465/20 P | Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*

Skont l-Avukat Ġenerali Pitruzzella, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali dwar it- “tax rulings (deċiżjonijiet fiskali)” adottati mill-Irlanda kontra Apple għandha tiġi annullata

Id-“deċiżjonijiet fiskali” jippermettu lill-impriżi jiksbu deċiżjoni minn qabel mingħand id-dipartiment tat-taxxi dwar it-trattament fiskali li għalih huma ser ikunu suġġetti. Fl-1991 u fl-2007, l-Irlanda ħarġet żewġ deċiżjonijiet fiskali favur żewġ kumpanniji tal-grupp Apple (Apple Sales International - ASI u Apple Operations Europe -AOE), li kienu kkostitwiti taħt id-dritt Irlandiż, iżda li ma kinux residenti fiskalment fl-Irlanda. Id-deċiżjonijiet kienu japprovaw il-metodu li bih ASI u AOE pproponew li jiġu kkalkolati l-profitti taxxabbli fl-Irlanda li ġejjin mill-attivitajiet tal-fergħat Irlandiżi tagħhom. Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea qieset li d-deċiżjonijiet fiskali, billi eskcludew mill-bażi taxxabbli l-profitti li jirriżultaw mill-użu tal-liċenzji ta' proprjetà intellettuali miżmuma minn ASI u minn AOE, kienu taw lil dawn il-kumpanniji, bejn l-1991 u l-2014, għajnuma mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern li minnha kien ibbenefika l-grupp Apple kollu u ordnat lill-Irlanda tirkupraha. Fl-2020, adita mill-Irlanda u minn ASI u minn AOE, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, billi qieset li din tal-aħħar ma kinitx ipproduċiet il-prova tal-eżistenza ta' vantaġġ li ġej mill-adozzjoni tad-deċiżjonijiet fiskali ¹. Il-Kummissjoni qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Fil-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Giovanni Pitruzzella jissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni ġdida fuq il-mertu.

Skont l-Avukat Ġenerali, il-Qorti Ġenerali wettqet sensiela ta' żbalji ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet il-prova b'mod suffiċjenti li l-liċenzji ta' proprjetà intellettuali miżmuma minn ASI u minn AOE u l-profitti relatati magħhom, iġġenerati mill-bejgħ tal-prodotti Apple barra mill-Istati Uniti, kellhom jiġu attribwiti fiskalment lill-fergħat Irlandiżi. L-Avukat Ġenerali jqis ukoll li l-Qorti Ġenerali ma evalwatx korrettament l-eżistenza u l-konsegwenzi ta' ċerti żbalji metodoloġiċi li, skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jivvizzjaw id-deċiżjonijiet fiskali. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali evalwazzjoni ġdida mill-Qorti Ġenerali hija għaldaqstant neċessarja.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ li l-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess; inkella, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija marbuta bid-deċiżjoni tal-appell tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu f'kuntatt!



¹ Sentenza tal-15 ta' Lulju 2020, [T-778/16](#), L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, u [T-892/16](#) Apple Sales International u Apple Operations Europe vs Il-Kummissjoni (ara wkoll l-[Istqarrija għall-Istampa Nru 90/20](#)).